

# STEJJER TAL-MILIED

## IR-RIGAL TAL-MILIED

Hekk kif kienet wieqfa quddiem it-tfal tal-hames klassi fl-ewwel jum ta' l-iskola, hija qalet gidba quddiem kulhadd. Bhal l-ghalliema kollha l-ohra hija harset lejn l-istudenti u stqarritilhom li hija thobbhom ilkoll u tistmahom indqas. Imma din il-haga kienet impossibli ghaliex hemm quddiemha fl-ewwel filliera , mixhut u mitluq fuq siggu kien hemm tfajjel zghir jismu Teddy Stoddard.

Mrs Thompson kienet innotat lil Teddy is-sena ta' qabel u lemhet li hu ma kienx jilghab tajjeb bhal tfal ohra, hwejgu dejjem imdensa u imgerfxa u li spiss kellu bzonn ta' hasla bil-kif. U barra minn hekk Teddy seta' juri mgieba xejn sabieha. Thompson kienet aktar tiehu pjacir li timmarkalu il-karti tieghu u xoghlu bil-pinna hamra u tiktiblu "F" b'ittra kbira fir-rokna ta' fuq tal-karti li kien jippresentalha.



F'iskola fejn kienet tghallem Mrs Thompson, kellha l-obbligu li tara r-risultati tas-snin ta' qabel ta' kull student u l-informazzjoni ta' Teddy hallietha ghal ahhar. Meta tat daqqa t'ghajn lejn il- file tieghu inhasdet.

L-ghalliema ta' l-ewwel klassi ta' Teddy kitbet hekk: "Teddy huwa tfajjel intelligenti bid-dahqa fuq fommu. Xoghlu hu pulit u edukat.... igib il-ferh kull fejn ikun."

L-ghalliema tat-tieni klassi kitbet hekk: "Teddy huwa student eccellenti, mahbub u rrispettat minn shabu tal-klassi, imma jinsab inkwetat ghaliex ommu ghandha marda terminali. Il-hajja god-dar bilfors hija glieda kontinwa."

L-ghalliema tat-tielet klassi kellha dan ir-rapport fuq Teddy: " Il-mewt t'ommu kellha effet kbir fuq hajtu. Jipprova jaghmel hiltu biex jimxi ‘l quddiem izda missieru ma tantx jurih interess u l-hajja fid-dar ser teffettwah negattivament jekk ma jittiehdux passi malajr."

"Teddy huwa maqtugh ghalih inniffsu u ma tantx juri nteress fil-klassi. Ma tantx ghandu hbieb u kultant jorqod fil-klassi waqt il-lezzjoni." Hekk kitbet l-ghalliema tar-raba klassi fuqu.

Mrs Thompson fehment li quddiemha kellha problema u sthat minnha niffsha.

Aktar hassitha mhawda meta l-istudenti gabulha r-rigal tal-Milied imgezwra f'karti sbieh u maqfulha b'zigarelli kuluriti, hlief ghal Teddy.

Ir-rigal tieghu kien imqartas f'karta li hua iddobba minn hanut tal-merca. Mrs Thompson hassitha imbarazzanti li tiftah ir-rigal ta' Teddy quddiem il-klassi kollha.

Xi tfal dahqu meta l-ghalliema sabet brazzuletta b'xi hagar nieqsa u flixkun tal-fwieha bi kwart minnu nieqes.

Malajr siktet id-dahq tat-tfal l-ohra meta hi libset il-brazzuletta u stqarret kemm kienet helwa u sabieha filwaqt li delket xi ftit tal-fwieha fuq il-polz taghha.

Meta telqu t-tfal kollha Teddy baqa' wahdu fil-klassi u stqarr ma' Mrs Thompson li dak in-nhar hija kellha l-istess fwieha li kienet thobb taghmel ommu. Wara li telaq Teddy Mrs Thompson damet tikbi ghal hafna hin, imqanqla minn dak li sehh fil-klassi.

Ghaddew il-vakanzi tal-Milied, u Mrs Thompson bdiet taghti attenzjoni partikulari lil Teddy. Min dak in-nhar Teddy beda gej ‘l quddiem fl-iskola. Aktar ma kienet taghmillu kuragg aktar Teddy beda' jirrispondi u sa l-ahhar tas-sena hu sar wiehed mill-ahjar u l-aqwa studenti ta' l-iskola. Saret thobbu aktar mil-istudent l-ohra.

Sena wara, hija sabet nota taht il-bieb miktuba minn Teddy fejn stqarrilha li hija kienet l-ahjar ghalliema li hu qatt iltaqa' maghha. Iz-zmien jghaddi u ma jistenna lil hadd. Sitt snin wara kitbilha li huwa spicca l-iskola sekondarja u hija baqghet l-ahjar ghalliema li hu  qatt iltaqa' maghha.

Erba' snin wara hija rceviet ittra ohra mionghand Teddy huwa kitbilha li ghadda mill-kors tal-kullegg bl-akbar unuri u assiguraha li hija baqghet l-ahjar ghalliema ghalih. Erba' snin ohra ghaddew minn fuq Teddy u din id-dar kitbilha li ismu huwa xi ftit aktar twil. Lahaq tabib. L-ittra iffirmha Theodore F. Stoddard, M.D. imma ma nesiex jispjegalha li hija kienet u tibqa' l-ahjar ghalliema ghalih.

Forsi wiehed jahseb li l-istorja waqfet hawn. Le. Fir-rebbiegha ta' wara huwa rega' kitbilha fejn qalilha li kien iltaqa' ma' tfajla u ser jizzewwigha, izda billi missieru kien miet sentejn qabel, talabha biex tiehu post ommu u taghmillha ta' omm l-gharus ghal waqt it-tieg.

Mrs. Thompson accettat u dak in-nhar libbset il-brazzulletta li kien taha Teddy u ghamlet l-istess fwieha  li ommu kienet tuza meta kienet ghadha hajja.

Dak in-nhar Teddy ghannaqha mieghu u qalilha: "Grazzi Mrs Thompson li emmint fija u gaghltni nhossni mportanti u wrejtni li jiena nista' naghmel differenza."

Imma Mrs Thompson irrispondietu lura: " Grazzi inti Teddy ghaliex kont inti li ghallimtni li jiena nista naghmel differenza. Ma kontx naf nghallem qabel iltqajt mieghek."